MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2059/2003

**George Debono**

**Vs**

**Charles Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltin (Lm71) jew somma verjuri rappresentanti l-prezz ta' parts u xogholijiet ezegwiti mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IAA 516, liema xogholijiet gew ezegwiti fuq inkarihu ta'l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja datata 23 ta’ Lulju 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ April 2004, meta gew epprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ wiehed u sebghin lira Maltin (Lm71), bl-imghax legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------